**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 – 2013

**SEDUTA NUMRU 41/06**

L-ERBGHA 29 TA' FRAR 2012 FIl-5.30 TA' FILGĦAXIJA

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| KAV. PAWLU FARRUGIA KLJ CMLJ | SINDKU | *5.30PM* |
| FRANCIS AGIUS | VIĊI SINDKU | *5.30PM* |
| KEITH DARMANIN | KUNSILLIER | *5.30PM* |
| LAWRENCE BONAVIA | KUNSILLIER | *5.30PM-7.15PM* |
| DORIS VELLA | KUNSILLIER | *5.30PM* |
| ISHMAEL DALLI | KUNSILLIER | *6.30PM* |
| CLAUDINE LANZON | KUNSILLIER | *6.15PM* |
| PAUL J. PACE **Dip. B. A. (Bus Mangt) MBA** | AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV | |
| FRANS CHIRCOP | AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV | |
| SINJ. ANTONELLA GALEA | ASST. PRINCIPAL | |

**AGENDA**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Affarijiet Finanzjarji – Skeda ta' Pagamenti Nru 41/06
   Approvazzjoni tal-Budget
4. Laqgħa Pubblika Annwali
5. Tenders
6. Xogħlijiet Infrastrutturali
7. Ħwejjeġ oħra
8. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

IS-SINDKU QAL IT-TALBA U PPRESIEDA L-LAQGĦA

## 1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

i Il-Minuti tal-Laqgħa tas-Seduta 39/06 kif ukoll tal-Laqgħa Straordinarja 40/06 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Paul Pace.

## 2 Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)

**i** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol qabad ritmu tajjeb u sar it-tħaffir tal-ġibja u waqt laqgħa mal-perit u l-kuntrattur ġew immarkati s-servizzi kollha. Jekk ix-xogħol jibqa' għaddej kif inhu għandu jinbeda l-paviment fi żmien qasir. Is-Sindku kompla jispjega li nstabu 7 gandotti li fuq istruzzjonijiet tas-Superintendence of Heritage, dawn il-gandotti ġew mimlija bir-ramel imbagħad il-plastic u fuq kollox il-konkos. Tajjeb li kulħadd ikun jaf x'qed jiġri ħalli jekk ikun hemm xi mistoqsijiet jew kummenti mingħand ir-residenti wieħed ikun jaf x'għandu jwieġeb sew. Proġett ERDF

i.i Is-Sindku qal li ma sema' xejn iktar dwar ir-rapporti mad-Dipartiment tal-Agrikoltura, u mad-Dipartiment Gvern Lokali dwar it-tlett siġriet li nqalgħu mill-Playing Field.

i.ii Is-Sur Farrugia informa lill-Kunsill li l-Permess 1494/10 mill-MEPA għadu xorta ma nħariġx u kompla jispjega għaliex il-perit kellu jerġa jissottometti pjanti ġodda. Dan il-permess huwa għat-tieni parti tal-proġett li jinsab quddiem iċ-Ċimiterju.

**ii** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għad ma smajna xejn dwar it-tentattiv ta' serq mill-uffiċini tal-Kunsill Lokali. Tentattiv ta' intrużjoni fil-Kunsill

**iii** Dwar id-devoluzzjoni ta' biċċa art fi Triq Ħal Luqa, is-Sindku qal li talab lill-Perit pjanta aħjar tas-sit in kwistjoni sabiex il-Kunsill ikollu idea aħjar tal-proġett propost. Devoluzzjoni ta' Art fi Triq Hal Luqa

**iv** Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar Sqaq Sta Marija Nru 1 qal li il-permess tal-MEPA nħareġ, mas-Superintendence of Heritage għall-Monitoraġġ irranġajna wkoll li għad fadal huwa l-permess mingħand it-Transport Malta u arranġementi mal-WSC. MEPA -Xelter Sqaq Brittaniku Nru 1

**v** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellhu laqgħa mad-Direttur ta' Polidano Brothers li huwa l-kuntrattur għax-xogħlijiet tat-toroq taħt l-iskema tal-PPP. Is-Sindku qal li staqsih jekk għadhux interessat f'dan il-kuntratt. Is-Sur Polidano qallu li minħabba l-mod li qed jimxu miegħu l-Awtoritajiet ma jistax jaħdem u għalhekk qed jirtira mill-kuntratt. Is-Sindku ppreżenta ittra u qara din l-istess ittra fejn dan il-kuntrattur informa lill-Kunsill li ma setax jonora l-kuntratt minħabba problemi ta' cash flow li qed jiltaqa' magħhom. Resurfacing ta' Toroq-Skema PPP

Is-Sur L. Bonavia staqsa jekk dan il-Kuntrattur kienx ippreżenta lill-Kunsill garanzija bankarja li dan il-Kunsill setgħa jżomm bħala prekawzzjoni. Is-Sindku wieġeb li kellu waħda imma sakemm inħarġu l-permessi kienet

leħqet skadiet. Is-Sindku qal ukoll li ma jiswa' xejn li tinżamm il-Garanzija Bankarja għax ir-residenti li jinteressahom huwa li jsiru t-toroq.

Is-Sindku qal li nfurmajna b'dan kollu lid-Dipartiment Gvern Lokali u tlabnih jekk il-kuntratt li dan il-Kunsill għandu bħala period contract nistgħux nutilizzawh biex nagħmlu t-toroq tal-PPP. Id-Dipt. infurmana li dan ma setgħax isir u minflok il-Kunsill irid joħroġ sejħa ġdida għat-tender taħt din l-iskema tal-PPP. Il-Kunsill b'mof unanimu qabel li tinħareġ sejħa għal tender ġdida.

**vi** Rigward il-bandli li jinsabu fi Ġnien Misraħ Buleben is-Sindku qal li ser tintbgħat ittra lill-C & S Services il-kuntrattur bl-irħas offerta għall-valur ta' €2800 biex minnufih jinbeda x-xogħol ta' tneħħija u b'hekk inkunu konformi mar-rapport tal-MCAA. Bandli

Il-Viċi Sindku rrimarka li kif qal is-Sindku wkoll sakemm il-Bandli kienu jagħmlu minnhom il-Playing Fields Association kien kollox mija fil-mija safe u issa f'daqqa waħda inbidel kollox.

**vii** Rigward il-ħatra tas-Seg.Eżekuttiv is-Sindku qal li fl-aħħar irċevejna ittra mingħand id-Dipt. Gvern Lokali li s-Sur Frans Chircop mis-7 tal-Marzu 2012 inħatar bħala A/Seg. Eżek. fi ħdan dan il-Kunsill Lokali. Is-Sindku qal li talab lid-Dipt. sabiex jħalli wkoll lis-Sur Paul J. Pace bħala A/Seg. Eżek sabiex jagħti handover lis-Sur Chircop kif ukoll biex jassisti lill-Kunsill waqt l-Audit li ser jibda fit-2 t'April 2012. Hatra Segretarju Ezekuttiv

Din it-talba ġiet milqugħa mid-Dipartiment Gvern Lokali.

*Is-Sinj. Claudine Lanzon attendiet fis-6.15pm*

**viii** Is-Sindku spjega li dwar il-każ tal-Ex Seg. Eżek. fl-aħħar dehra fil-Qorti, s-Sur Maurice L. Mallia ffirma dikjarazzjoni fejn irtira dak li kien kiteb fl-email tiegħu. Is-Sur L. Bonavia staqsa jekk għal din is-seduta kienx hemm prezenti s-Sinjura Marisa Pisani. Is-Sindku wieġeb li anke din id-darba s-Sinjura Pisani reġgħet ma telgħetx. Pero dwar id-dehra quddiem l-Ombudsman fid-9 ta' Marzu 2012 qed jinsisti li s-Sinj. Pisani tkun preżenti. Każ tal-Ex Seg. Ezek.

*Is- Sur Ishmael Dalli attenda fis-6.30pm*

**ix** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sabiex forsi ttissolva l-problema ta' għargħar fix-xelter, u l-pompa tkun iktar effettiva, ser titħaffer trinka fuq barra ta' dan ix-xelter. Qal ukoll li ser isir tindif ta' dan ix-xelter ħabba anke fatt li forsi titellgħa xi attivita' fil-Ġimgħa l-Kbira. Xelter

Is-Sur Frans Agius qal li din tkun idea tajba għax skond il-ftehim li għamel il-Kunsill hekk jitlob.

Il-Kunsill qabel nem con mal-proposta tas-Sindku.

**x** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li tkellem mar-rappreżentant tal-Kumpanija GREENPAK u sar qbil li ser jerġgħu jqassmu il-boroż lir-residenti. Ser issir wkoll kampanija ta' nformazzjoni filwaqt li sadanittant għada għaddejja l-Lotterija. GREENPAK

**xi** Dwar il-bżonn ta' part-timer oħra, is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser jintbgħat Vakanza għal-Part-timer

abbozz tal-Minuti tas-Seduta 38/06 lid-Dipartiment Gvern Lokali hekk kif mitlub mis-Sur Adrian Mifsud Head of HR fi ħdan l-istess dipartiment.

**xii** Il-kumpanija ELC offriet lill-Kunsill mal-250 qasrija sabiex dawn jitqassmu b'xejn lir-residenti. Planters mingħand ELC

**xiii** Is-Sindku qal li l-van tal-Kunsill bil-ħsara u mhux vijabbli li jissewwa għalhekk ġie ssuġġerit li dan il-van jiġi skrapjat. Il-Kunsill qabel unanimament. Sadanittant il-Kunsill kera van ieħor peress li huwa essenzjal għal ħidma tal-Kunsill.

Kien hemm qbil unanimu sabiex toħroġ tender għal kiri ta' van.

Ser nitolbu lid-Dipt. il-proċedura sabiex inkunu nistgħu niskrapjaw il-van u assi oħra tal-Kunsill.

## 3 Affarijiet Finanzjarji – Skeda ta' Pagamenti

Skeda ta' Pagamenti

i Il-Kunsill approva unanimament l-Iskeda ta' Pagamenti nru 41/06.

## 4 Laqgħa Pubblika Annwali

Laqgħa Pubblika Annwali

i. Ġie deċiż li l-laqgħa pubblika annwali ssir nhar il-Ħamis 22 ta' Marzu 2012 fis-6.00pm fiċ-Ċentru Komunitarju.

Ser jintbgħatu l-avviżi lill-mezzi tax-Xandir.

## 5 Tenders

L-Aġent Seg. Eżek. Is-Sur Pace informa lill-Kunsill li ser jinħarġu sejħiet għall-offerti għall- (i) knis (ii) leasing ta' van (iii) street furniture (iv) supply of cold asphalt bags.

Ser jintbgħatu l-avviżi lill-mezzi tax-xandir.

Id-data tal-għeluq ta' dawn it-tenders hija l-Ġimgħa 30 ta' Marzu 2012 f'nofsinhar. Il-Bord ta' Evalwazzjoni ser ikun kompost mis-Sindku, l-Aġent Seg. Eżek is-Sur Paul J. Pace, il-Viċi Sindku s-Sur Frans Agius u l-Kunsillier s-Sur Lawrence Bonavia. F'każ li s-Sur Bonavia ma jkunx jista' jattendi ser jattendi l-Kunsillier is-Sur Ishmael Dalli.

## 6 Xogħlijiet Infrastrutturali

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bħalissa għaddejjin bil-*patching* f'diversi toroq fir-raħal. Għaliex wara dak il-maltemp li kien hemm ħafna toroq għandhom bżonn *patching* kemmxejn estensiv.

Reġa seħaq li rigward it-toroq l-oħra li kellhom isiru taħt l-iskema tal-PPP ser nistennew l-eżitu tat-tenders u nimxu minn hemm.

**7 Rapport dwar il-Ħidma tal-Kunsillieri**

***Rapport tal-Viċi Sindku Frans Agius***

**i** Is-Sur Agius nforma lill-Kunsill li għadhom għaddejjin il-laqgħat dwar it-turiżmu organizzati mill-MTA li hu qed jattendi f'isem dan il-Kunsill. Il-ħsieb wara dawn il-laqgħat huwa li din tkun esperjenza ta' folklor ġewwa r-raħal ta' Ħal Tarxien.

**ii** Is-Sur Agius qal li l-għalliema tal-Malti għal Barranin li kienet qed tagħti il-lezzjonijiet fid-Dar tal-Kejka ma riditx tibqa tagħti dawn il-lezzjonijiet hemm. Minn diversi emails li din l-għalliema kienet qed tibgħat lid-Direttorat u li hu kien qed jiġi kkupjat, qal li reġgħet issemmiet il-problema tan-nuqqas tad-dawl, u il-bżonn ta' whiteboard. Is-Sur Agius nforma lill-Kunsill li diġa nxtraw 2 tubi u qegħdin fil-post, kif ukoll l-istess għall-whiteboard.

Ilment ieħor li din l-għalliema ressqet għand id-Diettorat huwa li skond hi hemm nuqqas ta' ndafa fid-Dar tal-Kejka. Is-Sur Agius rrimarka li dan mhux minnu għax id-Dar tal-Kejka hija wkoll il-Kwartieri fejn jiltaqħu l-iScouts tar-Raħal u f'dawn is-snin kollha li ilhom hemm qatt u qatt ma kellna ebda tip ta' ilment minngħand ħadd.

Is-Sur Agius wieġeb lid-Direttorat għal dawn l-ilmenti kollha ta' din l-għalliema u fiehem li l-Kunsill mill-ewwel ġurnata kien avvża lid-Direttorat li l-lezzjonijiet setgħu jsiru biss fid-Dar tal-Kejka peress li fiċ-Ċentru fil-ġurnata tal-lezzjonijiet mixtieqa diġa kien hemm għaddejjin lezzjonijiet oħra.

Jidher li d-Direttorat fehem il-pożizzjoni tal-Kunsill u ser jitlob lil din l-għalliema terġa tibda minnufih bil-lezzjonijiet fid-Dar tal-Kejka.

**iii** Is-Sur Agius qal li ilu diversi ġranet jipprova jagħmel kuntatt mas-Sur Peter Caruana ħabba l-pubblikazzjoni tal-ktieb pero għadu mar-rnexxielux.

**iv** Is-Sur Agius informa lill-Kunsill li din is-sena wkoll ser jerġa jniedi l-Konkors Letterarju kif ukoll ser titella' Wirja tal-Artiġjanat.

***Rapport mill-Kunsillier Lawrence Bonavia***

**i** Is-Sur Bonavia nforma lill-Kunsill li kellu laqgħa dwar is-saħħa mentali. Tajjeb li bħala Kunsill nqajjmu awareness dwar dan. Din il-laqgħa saret fiċ-Ċentru f'Raħal Ġdid. Semma' l-fatt li forsi jsiru xi laqgħat fil-Berġa jew fiċ-Ċentru Komunitarju.

*Is-Sur Lawrence Bonavia telaq fis-7.30pm*

***Rapport mil-Kunsillier Keith Darmanin***

i Is-Sur Darmanin informa lill-Kunsill li l-Premju Żgħażugħ Tarxiniż ingħata lis-Sur Matthew Tabone.

ii Il-Kunsill taż-Żgħazagħ ser jorganizza Photo Hunt fl-10 t'April 2012. Dawn talbu lill-Kunsill sabiex jisponsorjaw it-tokens għal din l-attivita'. Il-Kunsill Lokali approva dan.

Is-Sur Darmanin kompla jgħid li dawn iż-Żgħażagħ għandhom diversi

attivitajiet oħra f'moħħom fosthom li jżuru lit-tfal tal-Ursolini kif ukoll li ssir żjara fis-santwarju ta' M'Xlokk.

*Rapport mill-Kunsillier Ishmael Dalli*

i Is-Sur Dalli qal li kellu laqgħa oħra ma' REFAB MALTA dwar riċiklar ta' drapp sabiex jiffinalizzaw il-ftehim.

*Rapport mill-Kunsilliera Doris Vella*

i Is-Sinj. Vella qalet fit-8 ta' Marzu 2012 ser ssir l-ħarġa li jmiss fil-Plaza Hotel tas-Sliema.

***iv Rapport mis-Sindku Paul Farrugia***

iv.i Is-Sur Farrugia informa lill-Kunsill li l-ħarġa li jmiss tal-anzjani ser ssir f'The Grapes r-Rabat Malta.

**7 Għeluq tal-Laqgħa**

Il-laqgħa ntemmet fit-7.45pm.

________________________________
**Kav. Pawlu Farrugia** KLJ CMLJ
**Sindku**

________________________________
**Sur Paul Pace** Dip. B. A. (Bus Mangt) MBA
**A/Seg. Eżek**